SANNAT

Minuti ta' tnejn u għoxrin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 30 ta' Settembru 2010 fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| | |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku |
| | |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada |
| | Joseph Bajada |
| | Marlene Muscat |
| | |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

984 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru dsatax li saret fid-29 ta' Lulju, tal-laqgħat li saru b'urġenza fil-10 ta' Awwissu u 19 ta' ta' Awwissu 2010.

**Item 2 Mill-Minuti**

985 *(para. 898)* Il-kuntratt tal-*Measure 323* għall-bini tal-ħajt ta' Saguna ġie ffirmat fil-11 ta' Settembru 2010 mal-Paying Agency, fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Dan il-proġett għandu 36 xahar żmien sabiex ikun lest b'effett id-data tal-iffirmar tal-kuntratt. Il-Kunsill ser ikun eliġibli għal għotja ta' €43,7830.51ċ li jinqasmu hekk: ERFRD 75% tal-proġett li jammontaw għal €32,285.60ċ, il-Malta Government Contribution li huma 25% tal-proġett li jammontaw għal €10,761.86ċ li t-total b'kollox għal €43,047.46ċ. Il-Kunsill irid joħroġ €4,783.05ċ mill-fondi tiegħu. Il-proġett irid jitlesta fi żmien 36 xahar mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt. Il-permess tal-MEPA irid ikun ħareġ sal-aħħar ta' Diċembru 2010. Jekk jibqa' xi flus dawn iridu jiġu r-ritornati lura lill-Paying Agency.

986 *(para. 879*) Nkitbet ittra lis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku, fejn intalbet informazzjoni rigward it-talba tal-Kunsill tal-iskema tal-Public Private Partnership. Il-Kunsill ingħata risposta biex jistenna ittra min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali għaliex qed jipproċedu bl-evalwazzjonijiet tal-applikazzjonijiet kollha li daħlu. Għalhekk il-Kunsill ser ikun infurmat fil-ġimgħat li ġejjin. Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ser jkun fit-tieni grupp. Dawn it-toroq ser issiru fit-12 il-xahar li ġejjin.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

987 *(para. 971)* L-applikazzjoni ta' John Grima dwar il-bini biswit l-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill, tresqet quddiem il-Bord tal-MEPA nhar it-Tlieta, 28 ta' Settembru 2010. Preżenti kien hemm is-Segretarju u l-perit Edward Scerri. Il-bord tal-MEPA qal lil John Grima sabiex ibaxxi l-ħitan u għandha terġa' tersaq darba oħra wara li jiġi approvat mis-sanita'. Wara saret laqgħa mal-Avukat Josianne Azzopardi, mit-Taqsima tal-Proprjeta' tal-Gvern fid-Diparttiment tal-Artijiet dwar il-*caution* fuq l-art. Waqt din il-laqgħa l-avukat Josianne Azzopardi qalet li din il-*caution* ser issir fl-aħħar ta' din il-ġimgħa. Preżenti kien hemm ukoll l-perit u l-avukat tal-Kunsill.

988 *(para. 938)* Rigward il-kwotazzjonijiet 4, 5, 6 tal-2010, il-perit Edward Scerri kiteb lura u qal li dwar l-kwotazzjonijiet ma għandux xi jżid aktar mar-rapport li għamel. Hu qal li jekk għandu xi żball jew hemm xi informazzjoni ġdida jiġi nfurmat. Dawn tħallew għal darba oħra. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kieku dawn il-kwotazzjonijiet ġew emalgamati ma' xulxin kienu jservu għal ftit xhur. Issemma li hemm il-culvert tal-ilma tax-xita fi Tiq tal-Gruwa li tieħu għal Triq Mġarr ix-Xini għandu bżonn jitnaddaf għax l-ilma tar-raba qed jgħaddi kollu minn wiċċ it-triq.

989 *(para. 983)* Il-Bord tal-għażla għal post ta' Skriva/a Part Time għamel l-interviews fil-25 u s-27 Ta' Awwizzu 2010. Infetaħ ir-riżultat tal-bord tal-għażla għall-intervista tal-skrivan/a part time. Ir-rapport tal-bord wera li l-persuna li kellha l-għola marka kienet Geraldine Mercieca. Is-Sindku ħalla din il-materja għal laqgħa oħra. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-uffiċċju ilu xhur ma jinfetaħ nhar ta' Sibt u l-Kunsill qed jirriskja li jeħel xi multa ta' kull darba li ilu ma jinfetaħ.

990 *(para. 896)* Nhar it-Tnejn ġie Ruben Said ta' Transport Malta u Louis Portelli tat-Taqsima tat-Toroq li ġew jagħmlu spezzjoni rigward it-tabelli tal-*Speed Limits* ta' Triq il-Kbira. Dawn ipproponew li l-ewwel isiru s-signs mal-ħitan u wara jiġi deċiż fejn ser isiru dawk tal-art. Għandha tintalab stima ta' dawn it-tabelli.

991 *(para. 971)* Il-GreenPak kitbu lill-Kunsilli Lokali rigward il-ftehim li hemm magħhom. Huma qalu jixtiequ li jiġu konsultati qabel toħroġ xi tender għall-ġbir tal-*organic and recyclable Waste Collection*. Huma qalu dan għaliex jista' jaffetwa l-finanzjament u l-operat li ġa hemm ftehim fuqu mal-Kunsilli li għandhom ftehim magħhom fir-rigward tal-iskart riċiklat. Fil-fatt fid-29 ta' Settembru saret laqgħa għas-Segretarji tal-Kunsilli konċernati fejn ġie spjegat is-servizz tagħhom. Huma qalu li l-boroż ser jibdew jitqassmu f'Diċembru qabel il-bidu tal-kuntratt il-ġdid. Huma ppreżentaw leaflet u qalu sabiex il-Kunsilli konċernati jekk iridu jibdlu xi ħaġa mill-kontenut tal-leaflet. Żmien għal dan hemm sal-15 ta' Ottubru 2010. Huma jridu tnejn min-nies biex iqassmu l-vouchers u l-boroż, jispjegaw lin-nies dwar is-sistema u jieħdu noti ta' min sabu d-dar. Dawn in-nies irid jkollhom il-working permit u jagħmlu dan ix-xogħol tlett darbiet fis-sena. Dan ix-xogħol irid isir mit-3.00 p.m.sa 7.00p.m mit-Tnejn sal-Ġimgħa u s-Sibt filgħodu. Dan jieħu madwar ġimgħa kull darba biex isir dan it-tqassim.

992 *(para. 979)* Rigward il-kwotazzjonijiet tal-*photo copier* ġie nnotat li l-aktar tnejn vantaġġjużi huma dawk ta' Strand Electronic Ltd. li hi TASKalfa 221 u dik ta' Alfa Company Ltd. li hi Sharp Standard. Dik tax-Sharp għandha d-duplex printer inkluż fil-prezz li hu €1,250 li hu bid-discount. Din tagħmel 20 paġna fil-minuta. Dik ta' Strand Eletronics hi ta' €1,174.10 u tagħmel 22 paġna fil-minuta, imma d-*duplex* mhux inkluż. Dan jiġi €271.40ċ extra. Il-Kunsill qabel li jistaqsi lil tal-Alfa Company Ltd. kemm hu r-*reversable doc. feeder* għaliex dak tal-


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

Strand Electronics Ltd. Dak ta' Strand Electronics hu ta' €371.70ċ. Il-cabinet tal-Alfa Ltd. hu €150 u dak ta' Strand Electronics Ltd. hi ta' €218.

**Item 3. Korrispondenza**

993 Memo 113/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward ix-xogħlijiet f'288 Triq f'47 lokalita'. Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ser jkun fit-tieni grupp. Dawn għandhom issiru fit-12-il xahar li ġejjin.

994 Memo 118/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward inizjattivi ambjentali biex tiċċelebra għeluq l-20 sena ħidma mill-kumpanja Vodafone p.l.c. Ser jingħataw ħames premijiet ta' €4,000 lil ħames Kunsilli Lokali li jippreżentaw l-aħjar inizjattivi ta' tisbieħ ta' zona pubblika u prominenti bħal playing field, ġnien pubbliku jew pjazza. Dawn il-premijiet ser jingħataw wieħed għal kull reġjun. Il-Kunsill għandu jieħu sehem bil-proġett ta' Triq id-Daħla taċ-Ċnus fejn għandu jsir *recreational area*.

995 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Memo 73/2010 dwar Inizjattivi Premju Lokalitajiet Indaf. Il-Kunsill ser jingħata €120 bħala assistenza finanzjarja mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Ir-rapport għall-kompetizzjoni jrid jasal sal-5 ta' Novembru 2010. Il-Kunsill ser jorganizza ġurnata ta' tindif fir-raħal bħalma sar is-sena l-oħra. Ser ikun hemm bżonn ta' PA system. Il-boroż, T-shirts u ngwanti ser jingħataw minn GreenPak. Din l-attivita' ser issir is-Sibt, 23 ta' Ottubru 2010 fejn jiġu mistiedna l-Ministru għal Għawdex, is-Segretarju Parlamentari għal Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku u Stefan Buontempo Kelliemi għal Kunsilli Lokali tal-Partit laburista.

996 Il-Kunsill ħalla l-korrispondanza għal laqgħa oħra u għandha għal materji oħrajn ta' fuq l-Aġenda.

**Item 4. Il-Kuntratt tal-knis fit-toroq urbani**

997 L-unika offerta li nxteħtet għall-kuntratt tal-knis fit-toroq urbani ta' Sannat kienet dik ta' Sannat Lions F.C. għall-prezz ta' €7,500. Il-Kunsill approva din l-offerta. Dan il-kuntrattur għandu jibda jagħti dan is-servizz b'effett minn nhar it-Tnejn 4 ta' Ottubru 2010. Il-Kunsillier Teddie Bajada ma kienx preżenti waqt li kienet qed tiġi diskussa din il-materja.

**Item 5. Il-Kuntratt tal-gbir tal-iskart organiku**

998 Inxteħtet offerta waħda li kienet tal-K.I.P Għawdex. Is-somma globali bejn l-erbgħa Kunsilli Lokali li huma Munxar, Sannat, Xagħra u Xewkija hi:

| L-1 sena | It-2 sena | It-3 sena | Ir-4 sena |
|---|---|---|---|
| €606 | €633 | €661 | €691 |

Ir-rata preżenti tal-ġbir tal-iskart tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat hi ta' €65.57ċ kuljum. Il-ġbir qed isir mit-Tnejn sa' Sibt.

Ir-rata preżenti tal-iskips għal 3 skips *on wheels* hi ta' €12.58 kuljum li jiġu €4.29ċ kull skip. Dik tal-offerta l-ġdida hi ta' €4.19ċ kull skip Għat-tlett ġranet li ma jsirx ġbir tal-iskart organiku, il-Kunsill irid iħallas it-*tipping fee* ta' €20 kull tullinata.

Jekk isir użin wieħed, il-Kunsilil ma jħallsu xejn u jekk isir l-użin tal-Kunsilli ndividwali, il-Kunsilli jridu jħallsu €14 extra kuljum bejniethom.

**Item 6. Ħarġa għal Kulħadd**

999 Il-Kunsill qabel li fis-17 ta' Ottubru 2010 issir ħarġa għal kulħadd f'Malta. F'din il-ħarġa għandhom imorru jisimgħu l-quddiesa, il-Ġnien ta' San Anton, il-British Prisons, jieklu u wara jmorru l-Imdina u s-suq ta' Qali.

**Item 7. Avveniment tal-10 ta' Ottubru 1942**

1000 Is-Sindku qal li f'Mejju 2010 kellhom jiġu Junior College Youth Orkestra ta' Malta biex itellgħu kunċert fil-knisja. Dak iż-żmien ma setgħux jiġu għaliex kien hemm il-preċett. Ġie propost li dawn jiġu s-Sibt, id-9 ta' Ottubru biex jiġi kkommemorat l-10 ta' Ottubru 1942. Dawn għandhom jibdew il-kunċert wara l-quddiesa. Għandhom jiġu mistiedna xi nies sabiex jagħmlu diskors tal-okkażjoni. L-ispiza kollha ser tiġi €549.91ċ. Sar qbil li dawn jiġu f'dik il-ġurnata.

**Item 8. Sistema tat-Traffiku**

1001 Is-Sindku semma li qed jinkitbu diversi ittri fuq il-ġurnali lokali rigward is-sistema tat-traffiku fil-lokalita'. Hu ppropona li Transport Malta jiġu mitluba jiġu fuq il-post ħalli janalizzaw is-sitwazzjoni tat-traffiku u tiġi sistematizzata aħjar il-*flow* tat-traffiku fiċ-ċentru tar-raħal.

Sar qbil li tinkiteb ittra lill-Malta Transport biex jiġu fuq il-post biex janalizzaw is-sitwazzjoni tat-traffiku, kif qed jissuġerixxu dawn in-nies. Dan jikkonsisti li Triq Ta' Ċenċ it-traffiku (heavy vehicles) jinżel 'l isfel sa Triq Santa Marija, jgħaddu għal Triq Santa' Marija u jibqgħu neżlin 'l isfel għal Triq Dun Xand Aquilina. Triq ta' Ċenċ ikunu jistgħu jitilgħu 'l fuq matul it-triq kollha. Fi Triq Ċenċ u Triq Dun Xand Aquilina jsiru *Double Yellow Lines* fuq naħa waħda fejn hi dejqa. Fil-pjazza Santa Margarita qed ikun hemm konfużjoni ta' parking u jrid jiġi rijorganizzat. Fi Triq Ċenċ katuniera ma' Triq Marsilja, Triq Dun Luqa u Triq il-Gruwa jsir it-*traffic island* li kien ġie propost u ġa hemm l-permessi meħtieġa għalih. Fi Triq Marsilja n-naħa ta' Triq Xabbata ssir *Give Way* kif ukoll *Double Yellow Lines* fuq iż-żweġ naħħiet ta' triq sa fejn is-siġra.

Parti minn Triq Saguna faċċata ta' Triq it-Tin ssiru *double yellow lines*. Rigward is-Sannat Junction qed isir parking mar-roundabout u fi Triq ix-Xewkija fejn jispiċċa l-bini kull meta jkun hemm il-logħob tal-futbol. Dwar din għandha tinkiteb ittra lill-ispettur tal-pulizija sabiex ma jitħalliex li jsir parkeġġ iżjed waqt il-logħob tal-futbol.

Rigward is-Sannat Junction u Triq Sannat meta kienet saret l-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex fejn kienet wiegħdet li ser tqabbad espert sabiex jagħmel rapport dwar is-

sitwazzjoni ħalli jiġi mwettaq dan il-proġett. Is-Sindku qal li hu kiteb kemm-il darba, imma sa dak inhar ma sar xejn. Għandha tinkiteb ittra lil Ministru għal Għawdex dwar dan.

Sar qbil li għandha ssir laqgħa għall-pubbliku dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fil-lokalita'.

**Item 9. Kunsill taż-Żgħażagħ**

1002 Sar qbil li ssir laqgħa għaż-żgħażagħ sabiex jitbiegħdu mill-vizzji li hawn bħal per-eżempju d-droga.

**Item 10. Materja Oħra**

1003 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu applika għall-iskema ta' fondi għall-attivitajiet 2011 għaliex din kienet ser tagħlaq u ma setax iħalliha barra. L-applikazzjoni saret għal 4 u l-5 ta' Ġunju 2011 u l-avveniment ser ikun dwar it-traġedja ta' l-10 ta' Ottubru 1942. Dak inhar bħala parti mill-attivitajiet għandu jinfetaħ xelter.

1004 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fl-1 ta' Ottubru f'nofs inhar ser tagħlaq it-*tender Provision of supply & installation of light fittings at the new offices*. Flimkien mas-Segretarju ser ikun hemm il-Viċi Sindku u l-Kunsiller Teddie Bajada sabiex dawn jinfetħu fil-ħin stipulat.

1005 Kienet inkitbet ittra oħra lill-IPSL rigward ix-xogħol mitlub mill-Kunsill. Dawn għal darba oħra ntalbu jagħmlu xogħol ta' bankina fi Triq Ras-in-Newwiela u l-bankina ta' Joseph Mercieca fi Triq it-Tilliera. Dan ix-xogħol sar. Saret ukoll l-bankina ta' dar ħdejn ta' Joseph Mercieca.

1006 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ħaddiema tal-Community Works Scheme qed jiskartaw u ma jridu jagħmlu xejn. Fil-fatt ġie ċ-Chairmain tal-iskema u kellem lill-ħaddiema.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die biex titkompla darba oħra.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

-

SANNAT



Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747  Fax: 21563535